MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 426/2014

Appell Nru: 426/2014

Il-Pulizja

Spettur Frankie Sammut

Vs

Ahmed Faroud

Illum 26 ta' Frar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ahmed Faroud, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 51329A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-27 ta' Settembru 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, għen jew assista lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw li inżlu l-art f'Malta, jew li joqgħodu ġewwa

Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, jew lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, residenza jew ħruġ ta' dak l-istat, jew jaħbi jew jagħti kenn lil xi persuni li jkun jaf, jew ikollu tassew jaħseb, li jkun qiegħed f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-Liġi, tordna l-konfiska tal-vettura Renault Megane bin-numru tar-reġistrazzjoni KBR-258.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-20 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti Wara li rat l-Artikoli 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet, lil **Ahmad Farhoud** fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, **ħati** tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah : -

(a) għal multa fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5000) ; kif ukoll
(b) għall-piena ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija; u wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ta' priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien erbgħa snin millum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu imnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28Ġ(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation

u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28Ġ(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' supervizjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Inoltre il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura Renault Megane bin-numru tar-reġistrazzjoni KBR-258 favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ahmed Faroud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrifoma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu ghas-sejbien ta' htija; u
2. Tvarjaha in kwantu ghall-piena, b'dan li l-piena inflitta tkun wahda aktar miti u gusta skond il-Ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Ahmad Faroud esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju tal-esponenti huwa wiehed, u cjoè rigward il-piena. Fil-waqt li l-appellant jifhem illi appell mill-piena in segwitu ghal ammissjoni huwa odjuz, l-esponenti umilment jishaq illi fil-kaz odjern il-piena hija gravuza wisq, u dana ghaliex kien hemm diversi fatturi li jimmilitaw favur piena miti fil-konfront tal-esponenti, senjatament:

i. L-imputat ikkoopera bi shih mal-Pulizija kemm meta inqabad in flagrante u kemm waqt l-interrogazzjoni quddiem l-Ufficjal Prosekutur;
ii. Il-fedina penali tal-imputat hija netta;
iii. L-ammissjoni bikrija tal-imputat[1];
iv. Illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda skambju ta' flejjes bejn l-imputat u l-passiggier;
v. Ma kien hemm l-ebda biza' ghall-hajja tal-passiggier;
vi. Piena ta' multa hija oneruza fuq l-imputat galadarba huwa ma jahdimx u jifhem il-konsegwenzi li jekk ma tithallasx tali multa tigi konvertita fi prigunerija;
vii. L-imputat ghalkemm ma jahdimx tul il-perjodu li ilu hawn Malta b'xi mod jew iehor dejjem ghex u kiel minghajr abbuz tal-beneficcji socjali;
viii. Il-konfiska tal-vettura mixtrija pjuttost ricentement hija telf ta' patrimonju sostanzjali ghalih;
ix. L-imputat huwa elegibbli li japplika ghal work permit galadarba huwa ghandu protezzjoni sussidjarja u l-imposizzjoni ta' multa ghandha sservi wkoll sabiex l-imputat ifittex jirregola l-posizzjoni tax-xoghol tieghu;
x. Piena ta' prigunerija ser twassal sabiex fil-waqt li l-imputat ipatti ta' ghemilu jkun qieghed ikun ta' piz finanzjarju ghall-istat minflok ma jikkontribwixxi lill-istat permezz tal-hlas ta' multa;

[1] Dawn it-tliet elementi sahqet fuqhom il-prosekuzzjoni stess.

xi. illi tenut kont illi ried jaghmel pjacir lil passiggier senza interessi u b'hekk l-akkuza odjerna ma hijiex dik a tenur tal-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta turi kemm l-intenzjoni tal-imputat kienet waħda b'animu ta' pjacir u mhux b'intenzjoni kif ikkontemplata fl-Artikolu 337A tal-istess Ligi.

1. Il-multa u l-piena ta' prigunerija sospiza

Huwa minnu li l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-piena kellha tkun wahda ta' multa u piena ta' prigunerija sospiza. Madanakollu l-esponenti umilment jishaq illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kemm il-multa u kemm il-piena ta' prigunerija kellhom ikunu aktar miti.

L-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 jikkontempla piena ta' multa li ma teccedix il-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), u/jew piena ta' prigunerija li ma teccedix is-sentejn. Fil-kaz odjern, il-multa hija ta' ftit anqas min-nofs fil-waqt li l-perjodu ta' prigunerija, minbarra l-fatt li l-applikazzjoni tieghu giet sospiza, huwa kwazi l-massimu.

Umilment l-appellant jishaq illi fil-kaz odjern, din il-piena hija wisq oneruza u ma tirriflettix tassew ic-cirkostanzi tal-kaz, u cjoè li huwa kiser il-ligi minghajr ebda intenzjoni li jaghmel xi profitt, li kkoopera mal-Pulizija u li qeda wkoll l-amministrazzjoni retta tal-gustizzja billi ammetta fl-aktar stadju bikri.

Ghaldaqstant umilment l-esponenti jissottometti illi kemm il-multa ta' hamest elef euro (€5000) kif ukoll il-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar (18) sospiza ghal erba' snin ghandhom jigu mnaqqsa.

2. L-assjem tal-mizuri

L-esponenti jibda biex jiccara li, salv il-konfiska tal-vettura, huwa jaqbel mal-mizuri impost fil-konfront tieghu bhall-ordni ta' xoghol fil-komunità, u l-ordni ta' supervizjoni.

Madanakollu, l-appellant umilment jishaq illi l-assjem tal-mizuri jirrendi l-piena oneruza wisq. Hekk kif sahqet id-difiza, il-multa kellha tkun inkoraggament sabiex l-esponenti jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu fir-rigward tax-xoghol billi japplika ghal *work permit* u jibda jahdem fuq bazi regolari, biex b'hekk mhux biss jghix, kif dejjem ghamel, minghajr ma jabbuza mis-servizzi socjali, izda jibda wkoll jikkontribwixxi ghall-iStat ta' Malta.

L-esponenti huwa lest u ben volenti li jaghmel dan, izda jishaq li ser isibha ferm difficli tenut kont li jrid ihallas multa sostanzjali fil-waqt li jahdem b'mod volontarju fil-komunità, fil-waqt ukoll li jkun taht ordni ta' supervizjoni, u fil-waqt ukoll li ghandu piena ta' prigunerija sospiza fuq il-kondotta tieghu li tirrendilu ferm anqas facli li jsib impjieg.

Wisq jibza' l-esponenti li dan l-assjem ta' cirkostanzi jaghmilha ferm difficli ghalih li jsib impjieg. Diffikultà illi certament ma taghmel gid lil hadd, la lill-esponenti u lanqas lill-iStat ta' Malta u l-komunità. Huwa f'dan id-dawl ukoll li l-appellant qieghed umilment jitlob li jinghata piena aktar miti.

3. <u>Il-konfiska tal-vettura</u>

Fid-dawl tas-suespost l-appellant jishaq illi l-konfiska tal-vettura Renault Megane, mixtrija ricentement, hija proverbjalment *the straw that broke the camel's back.* Jew ahjar, hekk ser tkun.

> Dan ghaliex il-konfiska ta' din il-vettura, li tirraprezenta telf patrimonjali sostanzjali ferm, tfisser ukoll telf ta' mobilità u restrizzjoni fuq it-tip ta' xoghol li jkun jista' jaghmel l-esponenti.
>
> It-telf tal-vettura tieghu jfisser li l-esponenti ma jkunx jista' jaghmel xoghol li jinnecessita li jkollu vettura privata.
>
> Din ir-restrizzjoni severa, flimkien mal-mizuri l-ohra imposti fuqu, ser jaghmluha difficli ferm, jekk mhux sahansitra kwazi impossibbli, ghalih li jsib xoghol fiss u jibda jkollu dhul stabbli sabiex jintegra ruhu ahjar fis-socjetà, u dana fil-waqt li jrid ihallas il-multa ta' hamest elef euro fuqu imposta, li fin-nuqqas ta' hlas issir piena ta' prigunerija!
>
> Huwa f'dan id-dawl li umilment l-appellant isostni li l-piena fuqu imposta hija gravuza wisq, *multo magis* tenut kont li huwa kkommetta r-reat odjern bhala pjacir u minghajr ebda intenzjoni li jaghmel qliegh.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant inqabad in flagrante jikkommetti reati bi ksur tal-Kapitlu 217 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant ikkoopera mal-pulizija li sussegwentement ressquh il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Fi stadju bikri l-appellant ammetta l-htija tieghu u b'hekk inghatat is-sentenza fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tal-elfejn u erbatax (2014) fejn il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghal multa ta' hamest elef ewro (€5,000) u ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Inoltre ikkundannatu wkoll ghal mitejn siegha servizz fil-komunità u ikkonfiskat il-vettura KBR 258.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-piena inflitta kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu u deherlu illi

kellha tkun wahda aktar mita peress illi huwa ikkoopera bi shih mal-pulizija, ghandu fedina penali netta, ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ma kien hemm l-ebda dannu ghall-passiggier li kien hemm mieghu u l-konfiska tal-vettura mixtrija pjuttost ricentement hija telf ta′ patrimonju sostanzjali ghalih.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi l-piena inflitta qieghda fil-parametri tal-ligi f′liema kaz, kwindi, il-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Però l-Qorti trid tikkonsidra ukoll l-aspett socjali tal-appellant fejn dan qieghed go pajjiz stangier ghalih, ma jahdimx jew jipprova jahdem minn gurnata ghall-ohra biex jaqla′ x′jiekol u ma jkunx ta′ piz fuq beneficcji socjali u jkun kontro produttiv illi l-persuna tqieghda f′rokna illi ma tkunx tista′ ssib xoghol jew mezz ta′ ghajxien decenti.

Ghalhekk hemm bzonn li jinstab bilanc bejn l-aspett ekonomiku tal-appellant kif ukoll l-aspett socjali tar-reat imwettaq minnu li f′dan il-kuntest ma kienx wiehed serju u ma halla l-ebda konsegwenza. Filwaqt illi l-appellant irid jirrealizza l-izball li ghamel, irid jinghata l-opportunità illi jirrimedja, ihallas il-multa u jkun f′pozizzjoni illi jkompli hajtu bhala cittadin onest. Forsi f′dan is-sens il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet verament gravuza fil-konfront tieghu, specjalment ukoll il-konfiska ta′ vettura mixtrija ricentement illi kienet mezz ta′ ghajxien ghall-appellant. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn flok multa ta′ hamest elef ewro (€5,000), tikkundanna lill-appellant li jhallas multa ta′ elf ewro (€1,000), tikkonferma s-sentenza fejn imponiet tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal erba′ snin kif ukoll mitejn siegha ghal servizz fil-komunità u tirrevokaha fejn ordnat il-konfiska tal-vettura KBR 258 li ghandha tigi ritornata lill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------